# L-IMQABBA TA' MITT SENA ILU

*Angelo Schembri*

Tul meded kbar ta' snin, ġew ippubblikati eluf ta' kotba dwar l-istorja ta'pajjiżna. Dokumenti u reġistri sħaħ ġew imqallba u kkonsultati biex toħroġ dejjem verżjoni iżjed aġġornata. Madanakollu, mill-esperjenza passata, wieħed jista' faċilment jistqarr li qatt ma jista' jkollna verżjoni aħħarija tal-Melitensia, hekk kif dejjem ifiġġu siltiet rilevanti oħra li jiżdiedu ma'dak li jkun instab qabel. Dan huwa s-sabiħ tar-riċerka, għax hekk kif ta'qabilna ferħu b'li sabu u ppubblikawh, aħna qed inġeddu l-impenn tagħhom bix-xogħol li qegħdin nagħmlu fil-preżent. L-irħula tagħna, msejħa popolarment ta' Wara l-Mina, fi kliem ieħor; iż-Żurrieq, il-Qrendi, l-Imqabba, Ħal Kirkop u Ħal Safi, dejjem kienu mwaħħda f'Għassa Distrettwali waħda li topera miż-Żurrieq. Sa' Settembru tal-2013, ir-Reġistri tal-Okkorrenzi mill-1901 'il quddiem, kienu kollha miżmuma f'kamra mhux addattata fil-bitħa tal-istess Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq.[1] Iżda bit-tħabrik tal-Arkivista Nazzjonali, l-Imqabbi s-Sur Charles Farrugia, dawn inġabru u sabu posthom kif xieraq fl-Arkivji Nazzjonali li s-sede prinċipali tagħhom tinsab f'dak li kien darba l-Isptar Santu Spirtu tar-Rabat. Minn hemm, dawn setgħu u jistgħu jiġu kkonsultati b'kumdita`sħiħa għall-benefiċċju mhux biss tagħna r-residenti ta'dawn l-irħula, iżda anke ta'diversi Maltin oħrajn li għandhom għal qalbhom l-istorja t'artna u l-mod kif kienu jgħixu niesna. F'dawn ir-Reġistri tal-Okkorrenzi, jinstabu miktuba l-ġrajjiet bl-iswed fuq l-abjad li jikkonfermaw jew jiċħdu għidut li ntiret minn ġenerazzjoni għall-oħra. Ovvjament, dawn juru l-iktar il-lat oskur tal-poplu li jxellef diffrejh mal-liġi, iżda minn sempliċi rapport, wieħed jaf jasal għal diversi konklużjonijiet oħra li ma jkunux mistennija. Dan hu s-sabiħ tar-riċerka! Mal-wasla ta' dawn ir-reġistri f'Santu Spirtu, jien ikkonsultajt diversi minnhom u fadal ħafna iżjed xi nkompli. Permezz ta'dak li sibt fihom, is-sena l-oħra ppubblikajt żewġ artikli dwar Ħal Kirkop u l-Qrendi.[2] Din is-sena ġejt mistieden biex nikteb dan l-artiklu b'ħarsa fuq l-Imqabba ta'madwar mitt sena ilu.

L-għan ta'din il-kitba mhux li nidħlu fid-dettall ta' kull okkorrenza, għax kieku rridu ktieb sħiħ. Għalhekk ser nikteb dwar dawk l-iżjed importanti milli rnexxieli nsib s'issa. Madankollu ser nibda billi nagħti ħarsa ħafifa lejn dawk l-iktar illegalitajiet li jiġu rrapurtati. Fosthom insibu serq ta' prodotti agrikoli mill-għelieqi, tfigħ t'ilma maħmuġ barra fit-toroq, ġlied bejn gruppi ta'nies, karettuni li jitħallew mal-lejl barra fit-toroq mingħajr xi forma ta'dawl, bhejjem jirgħu f'għelieqi ta' ħaddieħor, mezzi ta' trasport li jgħabbu iżjed nies milli suppost u forom ta' theddid b'ittri anonimi. Irrid ngħid li mal-qari ta'dawn l-Okkorrenzi, dejjem iżjed bdejt inneħħi l-idea li kelli ta' poplu mans u kwiet miġbur il-Knisja u mix-xogħol għad-dar. Tieħu wkoll idea ta' kemm l-affarijiet kienu jsiru b'ċerta bon ordni bħal fil-każ ta' mewt ta' annimali bħal ħmir, baqar jew nagħaġ. Dawn kienu jiġu rrappurtati u mbagħad jittieħdu l-inċineratur li kien hemm l-Ingieret u jinħarqu hemm. Kienu jsiru wkoll diversi spezzjonijiet fil-ħwienet tal-merċa, li ħafna drabi kienu jwasslu biex jinstab xi użin falz li jqarraq bix-xerrej. Il-ħwienet tax-xorb ukoll kellhom il-ħin tal-għeluq stipulat u ma setgħux jibqgħu miftuħin wara l-11 ta' filgħaxija. Dawn il-miżuri juru li fost il-poplu kienet tirrenja ċerta dixxiplina. Nuqqasijiet issib ukoll bħal meta fil-31 t'Awwissu 1911 per eżempju ġie rrappurtat Gio Maria Mallia t'Orsla li kien sid ta' ħanut tax-xorb u li offra xorb alkoħoliku lill-pulizjott Saverio Borg waqt li kien bl-uniformi u mingħajr il-permess tas-superjuri tiegħu.[3]

Jew inkella fl-20 ta'Frar tal-1912 Paolo Mallia ta' Randa, libes uniformi militari fil-jiem tal-Karnival, mingħajr ma kien suldat. L-Imqabba hija sinonima mal-barrieri u għalhekk issib diversi okkorrenzi b'rabta magħhom. Fosthom jissemma serq ta' għodda mill-barrieri kif seħħ lis-sidien Mose`Zammit in-Naxxari, Pietro Psaila tal-Għeri u Giuseppe Aquilina tal-Pasens. Dawn it-tliet serqiet saru f'temp ta'erbat ijiem fi Frar tal-1914. Bix-xogħol tal-barrieri ssib ukoll xi korriment



Mix-Xellug – Żaren Zammit u Mosè Zammit (tan-Naxxari), Giammari Mallia (ta' Orsla) u Innocenzo Zammit (tan-Naxxari).

bħal-każ li ġara fl-10 t'Ottubru 1911 lil Giuseppe u Spiridione Zammit tas-Seuda u Giuseppe u Michele Zammit tal-Isgherun, li weġġgħu f'barriera fil-periferiji tal-Imqabba. Kien hemm ukoll ċertu enfasi fuq is-sigurta` ta' dawk li jgħaddu fil-qrib tal-barrieri, tant li fil-11 ta' Ġunju 1915 ġie rrappurtat Dun Karm Bugelli Kappillan ta' Birżebbugia li ħalla barriera fil-limiti tal-Imqabba mingħajr ċint madwarha li joffri lqugħ.[4]

Vandalizmu ma kienx jonqos ukoll bħal meta Paolo Dalli, għalliem fl-Iskola tal-Gvern, irrapporta li persuni mhux magħrufa daħlu fl-Iskola Primarja A u għamlu ħsara f'xi qsari.[5] It-tfal ma kinux jonqsu li jidħlu f'xi rapport bħal meta seħħet ġlieda kbira bejn għaxra minnhom ta'eta` bejn it-tnax u l-erbatax-il sena fit-12 ta' Settembru tal-1911. Il-laqmijiet tagħhom jagħtu idea ta'min setgħu kienu:



Il-kappillan tal-Imqabba u politiku Dun Karm Bugelli

tal-Maizen, ta' Patau, tal-Mazz, tal-Chilla, tar-Raptia, tad-Dinglia, ta' Maroch u tal-Mosti.[6] Huma nsulentaw ukoll lill-Pulizjott Raffaele Caruana. Każ li jnissel tbissima li seħħ fl-Imqabba, iżda t-tfal involuti kienu Sengleani, seħħ fit-2 ta' Frar tal-1913, fejn il-Kaptan A. M. Susselley li kien iservi fuq l-HMS Inflexible, għamel rapport li sab it-triq ta' bejn l-Imqabba u l-Qrendi magħluqa b'ġebel kbir f'nofs it-triq b'mod li ma setax jgħaddi bil-karozza tiegħu. Aktar tard sar magħruf li dawk il-ġebel tħallew hemm minn grupp ta' madwar tliet mitt tifel immexxija minn Dun Giuseppe Darmanin mill-Isla, wara li kienu waqfu jistrieħu fuqhom fi triqithom lura minn ħarġa sa Ħaġar Qim. Minn dawn l-Okkorrenzi jidher ukoll li fl-Imqabba, bħall-irħula tal-madwar, kienet bdiet dieħla l-kultura tat-Teatrin. F'żewġ okkażjonijiet, fil-31 ta'Jannar u anqas minn xahar wara, fil-21 ta'Frar tas-sena 1914, Giovanni Maria Mallia ta' Lapura, ġie rrappurtat li organizza attivitajiet teatrali mingħajr ma kellu liċenzja biex jagħmel dan.[7]



Uħud mill-familja tan-Naxxari, qraba u Mqabbin oħra. L-ismijiet kollha tan-nies f'dan ir-ritratt ġew ppublikati fil-ktieb *Sicut Lilium*, paġna 360.

## Kriminalita`

Il-każi li semmejt aktar 'il fuq ma jistgħux jitqiesu bħala tant gravi, iżda bħalma jiġri llum il-ġurnata, mitt sena ilu wkoll kienu jbagħtu minn atti kriminali b'ċertu nies li l-inkwiet kienu litteralment ifittxuh u joħolquh. Każ jaħraq minn dawn kien seħħ lejn l-aħħar t'Awwissu tal-1911, meta tliet aħwa; Annunziato, Michele u Spiridione Zammit magħrufa bħala tal-Ħatar, osservaw li fl-għalqa tagħhom li kienet tinsab fl-inħawi tas-Seqra, kien hemm żewġ bombi moħbija taħt it-trab. Dakinhar stess tat-22 t'Awwissu 1911 gie arrestat raġel ta'32 sena, akkużat bl-attentat ta'qtil

tal-aħwa Zammit. L-għada, l-Ispettur A. Naudi u diversi kuntistabbli oħrajn, għamlu tfittxija f'tliet postijiet partikolari li kienu proprjeta` tas-suspettat; 11, Piazza della Chiesa, kamra f'Vicolo 1, Strada San Basilio u f'kamra ġo għalqa fl-inħawi ta'Ħabel ix-Xiħ.[8] Fid-dar ta' Piazza della Chiesa, il-Pulizija sabu materjal splussiv. Sadattant, tliet ijiem wara, Marianna Zammit tal-Qalqula, wkoll għamlet rapport li rċeviet ittra bil-posta, mimlija theddid u sabet bomba mgħottija bil-ħamrija fl-għalqa tagħha. Kollox jindika li dawn kienu xogħol l-istess bniedem li ġie arrestat. Fil-ġranet ta'wara, il-pulizija għamlu diversi tfittxijiet fi djar u rziezet oħra għal materjal splussiv. Vendikazzjonijiet simili, sfortunatament kienu spissi mhux ħażin, tant li aktarx ilha minn dak iż-żmien id-diċerija li "jirraġunaw bil-bombi". Fil-mira kien hemm fost l-oħrajn Lorenzo Ellul ta'Ketrinu li tefgħulu żebgħa ħamra mal-faċċata tad-dar 65, Strada Parrocchiale fid-9 ta'Settembru 1911, imbagħad tliet ijiem wara rċieva ittra kollha theddid. Kien hemm ukoll Carmelo Caruana tal-Avemaria, li fl-20 t'Ottubru 1911 poġġewlu bomba li splodiet mad-dar tiegħu f'19, Strada Santa Caterina.[9] Lanqas ma ħelisha l-kuntistabbli Saverio Borg, li fit-3 ta'Mejju 1910 tefgħulu żebgħa blu mal-faċċata tad-dar 12, Strada San Basilio. Bit-twaqqif taż-żewġ każini preżenti mal-ewwel deċennju tas-seklu għoxrin, dawn organizzaw ruħhom b'żewġ bottegini li fihom is-soċi jkunu jistgħu iqattgħu il-ħin ta' filgħaxija, waqt li jippjanaw x'ser jagħmlu għall-festi li jmiss. Dawn il-bottegini jidher li kienu armati u mmexxija tajjeb minn żewġ rapporti ta'serq li seħħew f'temp t'erba'xhur. F'Jum il-Milied tal-1916, Angelo Zammit ta'Ġiustu, rrapporta li persuni mhux magħrufa, b'użu ta'ċavetta falza, daħlu fil-bottegin tal-Club George V, li kien jinsab f'9, Piazza Chiesa u serqulu flixkun brandy u xi spirti oħra. Huwa stqarr ukoll li serqa simili kienet diġa seħħet fil-11 ta'Diċembru stess, meta ħadulu flixkun brandy ieħor u xi flus. Imbagħad fl-20 t'April 1917 ikun imiss serqa mill-Club Pio X fejn il-botteginarju Carmelo Psaila tal-Għeri jirrapporta li nsterqulu xejn anqas minn dsatax-il flixkun alkoħol li jvarjaw minn wiski għal ġin, rum u maskta fost l-oħrajn. Insterqu wkoll 40 pakkett sigaretti u xi flus. Wieħed jista'jasal għall-konklużjoni li peress li l-Festa tal-Madonna tal-Ġilju kienet tiġi ċċelebrata fit-tielet Ħadd ta' Mejju, allura l-imsejken Carmelo Psaila kien diġa ħaseb għax-xorb irqiq biex ikollu bil-lest għall-festa li kienet riesqa.



Ritratt ta' uħud mill-kleru. Mix-Xellug: Dun Mikiel Zammit, Dun Ġerald Mangion, Dun Ewġenju Mallia u Dun Ġużepp Xuereb imdawwra b'diversi Seminaristi.

## Antagonizmu Kbir lejn il-Kleru

Nimmaġina li kollha kemm aħna trabbejna bl-idea tar-rispett lejn is-Saċerdoti u ġejna mgħallma li qabel, il-poplu kien ferm aktar sottopost lejn il-Qassisin milli huwa llum. Iżda ħarsa lejn dawn l-Okkorrenzi, ma tantx tagħti konferma ta'dan l-għidut. Mill-każi li segwejt speċjalment fil-Qrendi u l-Imqabba, il-Kleru jidher li kien qiegħed jiġi tturmentat kontinwament. Nibda billi nsemmi lil Dun Ġiovanni Battista Ghigo B ta' Tona, aktar tard Monsinjur, li jirrapporta diversi każi ta'vendikazzjonijiet li sarulu.[10] Insibu fost l-oħrajn ittra mimlija theddid u nsulti li rċieva fl-14 ta'Settembru 1910, tfigħ ta' żebgħa sewda u ħadra mad-dar 68, Strada Parrocchiale fid-9 t'Awwissu 1911, tfigħ ta'ġebel fuq il-bejt tal-istess dar fis-27 ta'Settembru 1911 u tfigħ ta'żebgħa ħadra mill-ġdid fil-11 ta' Novembru tal-istess sena. Insibu wkoll irrappurtati lil Dun Lorenzo Zammit u Dun Nicola Sciberras li f'Diċembru 1910 u Frar 1911 rispettivament, użaw bolla li diġa' kienet ġiet użata qabel. Fid-19 ta' Dicembru 1912, il-Kappillan Dun Franġisk Bonanno għamel rapport li persuni mhux magħrufa sgassaw l-għatu tal-Kaxxa tal-offerti tal-Kappella ta' Ġesu'Nazzarenu li kienet tinstab f'Via Chircop, iżda minnha ma nsteraq xejn.[11] Xahar wara, l-Kappillan Bonanno jiġi rrappurtat li fil-21 u t-22 ta' Diċembru, għamel lotterija fil-Knisja mingħajr permess. Imbagħad fis-27 ta' Lulju tal-1913, waqt diskursata bejn l-għalliema Paola Mangion, Dun Lorenzo Zammit u l-Kappillan Bonanno, maġenb id-dar ta' Dun Lawrenz stess f'6, Via Ospedale, xi ħadd issuttahom bil-ġebel. Huma rrappurtaw il-każ u jgħidu anke min kien il-bniedem suspettat. Fit-12 t'Awwissu, l-istorja tirrepeti ruħha waqt li kienu jitkellmu Dun Lawrenz u l-Kappillan Bonanno. Każ ieħor kien dak li seħħ

fit-13 t'April 1912 meta xi ħadd mhux magħruf spara fuq il-kelba ta' Dun Emanuele Zammit waqt li kienet fl-għalqa ta'Salvatore Zammit tal-Qalqula. Iżda l-iktar Saċerdot Imqabbi li jissemma f'dawn l-Okkorrenzi huwa mingħajr ebda dubju Dun Michele Zammit magħruf aħjar bħala ta' Brajnek jew inkella ta' Saguna.[12] In-numru ta' każi li fihom jinsab involut Dun Mikiel, huwa eċċessiv meta pparagunat ma'Saċerdoti oħrajn li kienu jinsabu fil-mira, anke f'irħula oħra. Dal-fatt jagħti kredtu lill-għidut li huwa kien magħruf bħala "li jħobb il-Qorti". Dun Mikiel kien Kjeriku fiż-żmien li ġie ċċelebrat it-tielet Ċentinarju mit-twaqqif tal-Parroċċa fl-1898 u tliet snin wara ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1901. Kien jiġi n-neputi ta' Dun Lawrenz Zammit u fil-fatt mingħandu wiret dar fi Strada Parrocchiale. Mat-twaqqif tal-fergħa tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla fl-Imqabba, li seħħ fl-4 ta'Jannar 1931, Dun Mikiel inħatar bħala l-ewwel Direttur Spiritwali tagħha.[13] Huwa kien dilettant tal-kaċċa, kellu xi xagħri f'Haġar Qim u fil-fatt kien jagħmel żmien jgħix il-Qrendi fid-dar 5, Strada Chiesa, fejn seħħew uħud mill-każi li ser insemmu. Il-familja ta'Dun Mikiel kienu partitarji tal-Festa ta' Santa Marija, tant li ħuħ Giovanni kien jaħdem in-nar għall-Festa tal-Assunta. Sfortunatament dan Giovanni miet b'diżgrazzja tan-nar fis-sena 1925.[14] L-iżjed każ gravi seħħ fit-23 t'Awwissu 1912 meta waqt li Dun Mikiel kien rieqed fid-dar tal-Qrendi, għall-ħabta tal-11 ta' filgħaxija, splodiet bomba kbira mal-bieb li kissritlu bosta għamara. Preżenti fid-dar kienet ukoll is-seftura tiegħu Giuseppa Borg. Il-pulizija wettqet tfittxijiet fid-djar ta'diversi esponenti tal-festa ta' Lourdes tal-istess raħal. Fit-28 ta' Ġunju 1914, Dun Mikiel inniffsu mar jirrapporta li fuq l-għatba tad-dar tal-Qrendi, sab imferrxa kwantita`ta'putassa u antimonju, li huma materjali pirotekniċi u biċċa miċċa. Aktar kmieni dik is-sena Dun Mikiel safa`mhedded li jekk jostakola l-festa ta' Lourdes, kienu ser jisparawlu. Minn dawn il-każi, wieħed jasal għall-konklużjoni li fil-Qrendi, huwa ġarr miegħu l-imħabba lejn il-partit ta' Santa Marija li kellu fl-Imqabba. Fit-2 ta 'Frar tal-1913, Dun Mikiel jirrapporta li sab dundjan nieqes mid-dar li kellu f'3, Vicolo 1, Strada Valletta, Micabiba. Tliet ijiem wara ġie arrestat Giovanni Zammit tan-Naxxari u weħel ġimgħa ħabs.[15] Fit-28 ta'Ġunju ta' dik is-sena stess, Rosa Farrugia tal-Maroch, tagħmel rapport li l-kelba ta' Dun Mikiel, attakkat lil binha Antonio ta' sitt snin, iżda titlob biex ma jittiħdux passi kontrih. Fid-29 ta'Diċembru 1916, Dun Mikiel jirrapporta li mal-bieb tal-ġnien li kellu fl-inħawi Ta' Buar, sab miktub "Dana il bieb haja kasira bakalu ghax nargia naharku". Did-darba, Dun Mikiel ma joqgħodx idur mal-lewża u jistqarr ċar u tond li jissuspetta li kien ħuh Giovanni li kitibha.

## Attivita' Piroteknika llegali

Fiż-żmien li qed nikteb dwaru, żgur li ħadd kien għadu ma beda joħlom b'postijiet tan-nar organizzati mgħammra b'faċilitajiet ta'saħħa u sigurta' kif nafuhom illum. Anzi biex inkun iżjed preċiż, anqas kienu għadhom bdew joħolmu l-postijiet tan-nar l-antiki. Iżda madanakollu, dan ma kienx jaqta' qalb dawk id-dilettanti taż-żewġ festi milli jipprovdu element piroteknikú ta' kull sena.[16] Dan kien iwassal għal bosta llegalitajiet kif ser naraw. Kien isir ħafna xogħol tan-nar f'irziezet u kmamar ġol-għelieqi, iżda anke fl-abitat b'periklu kbir għall-ġirien li jinzertaw maġenbu, aktarx mingħajr ma jafu. Minn dawn l-Okkorrenzi joħroġ il-fatt li l-Pulizija kienet konxja minn dan l-abbuż. Spiss kienu jsiru diversi tfittxijiet, li aktarx kienu jirriżultaw fil-pożittiv. Fl-Imqabba, dawn kienu jintensifikaw ruħhom lejn lejn l-aħħar t'April hekk kif tkun riesqa l-festa tal-Madonna tal-Ġilju u l-bidu t'Awwissu bi preparazzjoni għall-Festa ta' Santa Marija. Ovvjament l-inċidenti ma kinux jonqsu bħalma ġara fid-29 ta'Settembru 1910 meta Vincenzo Mifsud tal-Mazz, seraq ftit porvli lil missieru Francesco, u weġġa' bi ġrieħi ta' ħruq lil Giuseppe Sammut ta' 12-il sena waqt li kien qiegħed jilgħab fi Strada San Basilio. Fil-11 t'Ottubru tal-istess sena ġie arrestat Giuseppe Mallia fuq pussess ta'ġelatina, li dak iż-żmien kienet tintuża ħafna. Fatt interessanti nsibuh irrapurtat fis-7 ta'Lulju 1911, meta saret tfittxija fil-Casino Santa Maria li kien jinsab 1, Strada Carmine b'suspett li kien qed jinħażen xi materjal splussiv. Fil-fatt, ġew elevati 280 bomba mill-istess każin li ġabu fl-inkwiet lill-President Paolo Caruana tal-Avemaria u Antonio Grech ta' Pupoll li kien sid il-każin. Dakinhar stess, Giovanni Zammit ta'Saguna, ġie mixli li ħadem logħob tan-nar f'post mhux awtorizzat. Dan Giovanni Zammit, fil-fatt huwa ħu Dun Mikiel Zammit, li semmejt aktar 'il fuq. Każ ieħor jaħraq seħħ fl-24 ta'Lulju 1913, meta b'ordni tal-Ispettur A. F. Inglott, saret tfittxija fir-residenza 38, Strada Parrocchiale fuq

suspett ta'manifattura tal-logħob tan-nar. Ġew konfiskati xejn anqas minn 1150 bomba u kwantita'zgħira ta'putassa u antimonju. Ix-xogħol fuq dal-murtali kien qed isir minn Giosafatto Galea ta'Fattu.

Jekk dawn l-Okkorrenzi fiż-żmien li nkitbu forsi tqiesu bħala affarijiet normali jew ta'kuljum, il-valur veru tagħhom qed inqisuh illum għax tassew ituna togħma ta'dak li kienu jgħixu niesna fl-imgħoddi. Spiss, il-gazzetti tal-epoka ma kienux jirrappurtaw kulma kien iseħħ speċjalment f'irħula rurali bħan-naħat tagħna. Għalhekk dawn l-Okkorrenzi huma l-aqwa sors miżmum ġurnata b'ġurnata, li jixhdu kulma kien jiġri. Huwa tajjeb li fl-aħħar sabu posthom fejn jistgħu jiġu kkonservati u kkonsultati għall-ġid ta'kull min tassew iħobb l-istorja ta'pajjizna u ta'dawk li għad iridu jiġu warajna.


Effected a search at No 1 Sda Carmine Micabiba (Casino Sta Maria) in connection of Explosive materials & were seized about 280 bombs etc.


430 | 7.7.11 11.30 am | Paolo Caruana son of late Giuseppe tal' Avemaria | 40 | Suspect a manifattura di bombe

Police—215

| No. | Date and Time of receipt of Report | Name, Surname, Nickname, Father's (or husband's) Name, and Residence of persons concerned | Age | Name, Surname and other particulars of witnesses |
|---|---|---|---|---|
| | | Micabiba - (President of the Casino) & | | |
| | | Antonio Grech son of late Francesco Ta Pupoll: Micabiba) Proprietor of the Building | 35 | |

L-okkorrenza tal-Pulizija dwar sejba ta' nar. Dan id-dokument qed ikun ippublikat għall-ewwel darba u jiżvela li sas-7 ta' Lulju 1911 Paolo Caruana kien għadu President tal-Casino Santa Maria. (Ħajr: Arkivji Nazzjonali ta' Malta)

## *Referenzi*

1 Hawn ukoll kienet issir riċerka u fil-fatt fit-teżi tiegħu bl-isem *Rural Village Politics in Malta: The Case of Mqabba 1899-1940*, Universita' ta' Malta, 1996, Charles Farrugia ħejja kapitli sħiħ dwar il-ħajja fir-raħal.

2 L-Artikli ntitolati 'Għelt il-Koppin fil-Bidu tas-Seklu Għoxrin' u 'Il-Qrendi u l-Festa Titulari tal-Assunta mal-Qalba tas-Seklu Għoxrin' ġew ippubblikati fil-kotba tal-Festa tas-SoċjetàMużikali San Ġużepp ta'Ħal Kirkop u tas-SoċjetàMużikali Santa Marija tal-Qrendi rispettivament.

3 Giammari Mallia kien impjegat bħala pustier u kellhu l-laqam ta' 'il-Fighter'. Deskrizzjoni ta' dan joffri l-istess Charles Farrugia li Mallia jiġi bużnannuh. Il-laqam il-fighter kien peress li kellhu mustaċċa waħda bajda u oħra sewda u kienu jxebbhuh ma ajruplan Fighter. Din almenu kienet il-verzjoni tal-ex-kappillan tal-Imqabba il-Monsinjur Lorenzo Spiteri f'intervista mal-istess Charles Farrugia. Il-ħanut kien kantuniera bejn il-pjazza u t-Triq tan-Nofs.

4 Dwar Bugelli ara Charles Farrugia (ed), *L-Iimqabba mal-Medda taż-Żmien*, p. 224.

5 L-Iskola Primarja tal-Imqabba twaqqfet b'ċertezza fl-1869. Bejn l-1901 u l-1903, nbniet l-Iskola b'sular wieħed fil-post fejn għadha tinsab fil-preżent. L-Iskola baqgħet maqsuma bejn bniet u subien sal-1917, il-perjodu li jittratta dan l-artiklu. Wara saret skola taħt Surmast wieħed Paolo Mangion u ssejħet Imqabba Mixed School. Għal aktar informazzjoni ara: 'It-Tagħlim Primarju Governattiv ġewwa l-Imqabba' miktub minn Charles Farrugia fil-*Fuljett tal-Kunsill Lokali Mqabba*, 1997, u 'L-Edukazzjoni u l-Iskola fl-Imqabba' miktub minn Joseph Zammit Mangion, f' *L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien* editjat minn Charles Farrugia, 1998.

6 Kollha huma laqmijiet li għadna nsibuhom fl-Imqabba.

7 Dwar Lapura Charles Farrugia jirrakkonta wkoll anneddotu ħelu mill-intervisti li għamel. Dan Lapura kien karattru pjuttost kulurit. Kien hemm każ meta nies mhux magħrufa serqulu kaxxa bil-flus. Flok inkwetat filgħodu fil-pjazza ftaħar li l-aqwa li ċ-ċavetta kienet għandu.

8 Ħabel ix-Xiħ hi ż-żona faċċata ta' fejn tispiċċa r-runway il-qadima, fin-niżla li tieħu mis-Sejba għal ta' Kandja.

9 Dan Carmelo Caruana kien jiġi ħu Paolo Caruana li f'dak iż-żmien sar l-ewwel president tac-Circolo Pio X. Carmelo segwa warajh bħala t-tieni President.

10 Dun Giovanni Battista Ghigo kien saċerdot Imqabbi li serva bhala Kappillan f'Ħal Safi u Arċipriet fil-Furjana u ż-Żurrieq. Fost l-Imqabbin kien imsejjaħ Dun Patist u kien espert fl-intonazzjoni u t-tonalita`tal-qniepen. Flimkien ma'ħuh Dun Angelo Ghigo, fl-1965 ħallas għall-qanpiena fustanija tal-Parroċċa tal-Imqabba, tant li baqgħet magħrufa bħala tal-Monsinjuri. Ara *L-Imqabba bejn Storja u Folklor* ta'Carmen Lia 2014 Paġni 166 u 177.

11 Din hi l-kappella taċ-Ċimiterju li f'dak iż-żmien kien distanti u iżolat ferm mir-raħal.

12 Ara 'Dun Mikiel Zammit Saċerdot Imqabbi Ħabib ta'Dun Ġużepp Barbara' minn D.D. Carmen Lia f'*Leħen is-Soċjetà Mużikali San Guzepp ta'Ħal Kirkop*, Festa 2013, pp. 94-95.

13 Ara Kapitlu 'Ix-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla', fl-*Imqabba bejn Storja u Folklor* ta'Carmen Lia, 2014, p. 190.

14 Id-dar li fiha miet Brajnek kienet faċċata tal-iskola primarja u l-post dam imwaqqa sas-snin tmenin.

15 Għal komplessita tal-familja tan-Naxxari ara l-appendiċi tal-ktieb Charles Farrugia (ed.), *Sicut Lilum: Devozzjoni u Ritwal tul is-Sekli*, Malta 2012,

16 Fis-snin li qed insemmi fl-artiklu, eżattament fl-1914, dehret ittra bl-isem "Festa Devota" fil-ġurnal *Malta Taghna* li fiha l-kontributur isemmi li Lejliet il-Festa tal-Ġilju ta'dik is-sena kien hemm murtali famużi tal-kulur u varjabili magħmulin mill-ġuvni Baskal Xuereb u ġiġġifogu wisq sabiħ u xi nar ieħor maħdum minn Amabile u Antonio Barbara u Gio Maria Briffa. Għal aktar informazzjoni ara l-artiklu intitolat '80 Sena Ilu' miktub minn Charles Farrugia fil-*Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju*, Mqabba, 1994, p. 73.